## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR SHERONA BUHAGIAR) V. JUSTIN POLIDANO (KI. 242190M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**15 ta' Settembru 2024**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Justin Polidano ta' 34 sena, iben Michael Polidano u Maria Dolores nee' Vella, mwieled ġewwa l-Pieta' nhar id-19 ta' Mejju 1990, residenti ġewwa 1, Blue Rose, Triq il-Kanonku Vincenz Balzan, Żurrieq u detentur tal-karta tal-identità numru 0242190M (imsejjaħ "l-imputat"), li ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja taħt arrest mixli illi:

**"nhar it-12 ta' Settembru 2024 u t-13 ta' Settembru 2024, f'diversi hinijiet ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin;**

1. **Ikkawża lil [redacted], biża` li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa, subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u liema delitt twettaq kontra l-allegata vittma li kienet is-sieħba preżenti jew ta' qabel tal-ħati (*Art. 251(3), Art. 251B(1), 251H(a) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)***

2. **U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Krimiali lill-eks sieħba tiegħu u ċioe' [redacted] jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni (*Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)***

3. **U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil [redacted] jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni (*Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)***

rat li l-Qorti ġiet mitluba *inter alia* illi kemm il-darba tinstab ħtija fl-imputat, tħaddem l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

rat li waqt is-seduta tal-lum meta sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

rat li l-Avukat Ġenerali tat il-kunsens tagħha ai termini tal-Art. 370(4) tal-Kap. 9 sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja,

rat li waqt l-eżami msemmi, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, l-imputat iddikjara li huwa ħati,

rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Sherona Buhagiar
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Franco Debono,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija u billi r-reati imsemmija iġorru piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-Qorti wara li wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, tatu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha. Wara li l-imputat baqa' jtenni l-ħtija tiegħu, il-Qorti kkonvertit ruħa f'waħda ta' Ġudikatura Kriminali ai termini tal-Art. 392A tal-Kap. 9 u għaddiet sabiex tagħti din is-sentenza lill-imputat.

2. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi u ċioe tenut kont l-ammissjoni bikrija fl-ewwel stadju possibbli tal-proċeduri flimkien mal-

fatt illi l-imputat għandu fedina penali nadifa apparti ċirkustanzi oħra li ħarġu mit-trattazzjoni tal-piena, tara illi tkun qed toħloq bilanċ bejn id-dritt tas-soċjeta li tkun protetta u l-interessi tal-imputat jekk minflok piena karċerarja tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 22(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 251(3), 251B(1), 251H(a), 339(1)(e) tal-Kap. 9 u l-Art. 22 tal-Kap. 446) il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li ssib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati oriġinali.**

**Inoltre l-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur il-persuni msemmija fl-istess Ordni għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni li qed tiġi annessa mas-sentenza. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.**

**Il-Qorti tordna ukoll li kopja tal-Ordni ta' Trażżin tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija u li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti inkluż din is-sentenza fiż-żmien statutorju.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |